VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,009, 28 ta' Diċembru, 2012
Taqsima B

A.L. 484 tal-2012

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2012 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master in Family Therapy and Systemic Practice taħt il-patroċinju tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2012 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master in Family Therapy and Systemic Practice taħt il-patroċinju tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà;

"il-Bord tal-Istudji" tfisser il-Bord tal-Istudji, maħtur mis-Senat fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master in Family Therapy and Systemic Practice;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Master in Family Therapy and Systemic Practice;

"il-Postgraduate Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma in Family Therapy and Systemic Practice; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew fi Frar 2012 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul għall-Korsijiet li jibdew fi Frar 2012

3. (1) Il-Kors kun miftuħ għall-applikanti li għandhom grad ta' Bachelor minn din l-Università, jew minn istituzzjoni oħra rikonoxxuta mis-Senat għal dan il-għan, miksub tal-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri fil-Psikoloġija, fis-Social Work, fl-Edukazzjoni, fil-Youth and Community Studies jew f'qasam ta' studju relatat ma' professjoni tal-kura, inklużi l-psikoterapija, il-counselling, il-professjoni tal-infermiera jew tal-qwiebel, il-medjazzjoni, il-counselling pastorali u l-psikjatrija.

(2) L-applikanti kollha skont il-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament huma wkoll meħtieġa jkollhom sentejn esperjenza ta' xogħol normalment miksuba f'waħda mid-dixxiplini tas-saħħa jew tax-xjenzi soċjali jew oqsma ekwivalenti.

(3) L-applikanti li għandhom kwalifika rikonoxxuta ta' Postgraduate Diploma in Family Therapy jistgħu jitħallew jidħlu fit-Tieni Parti tal-Kors, sakemm li dawn l-applikanti juru biċ-ċar lill-Bord tal-Istudji li laħqu l-livell akkademiku meħtieġ sabiex isegwu l-Kors bi profitt.

(4) L-applikanti kollha jridu juru li ghandhom il-kompetenza u d-dispożizzjoni neċessarji sabiex isegwu l-Kors bi profitt.

(5) (a) Il-kompetenza u d-dispożizzjoni professjonali jitkejlu permezz ta' eżerċizzji li jinvolvu (i) il-ħidma ta' rwol u (ii) intervista personali estiża minn bord maħtur għal dan il-għan; u

(b) L-applikanti li jiksbu inqas minn 60% fil-kriterju tal-kompetenza u d-dispożizzjoni professjonali ma jitħallewx jidħlu fil-Kors.

(6) Is-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord, għandu jiddeċiedi n-numru ta' applikanti li jistgħu jitħallew jirreġistraw għall-Kors, skont ir-riżorsi disponibbli. In-numru ta' postijiet disponibbli jiġi mħabbar meta jkunu qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet.

(7) Meta n-numru tal-applikanti li jistgħu jiġu aċċettati fil-Kors hu ristrett skont il-paragrafu (6) ta' dan l-ordinament, u n-numru ta' applikanti li jissodisfaw il-kriterju tal-kompetenza skont il-paragrafi (4) u (5) ta' dan ordinament jaqbeż in- numru ta' postijiet disponibbli, l-applikanti jiġu magħżula skont il-kriterji mwieżna li ġejjin:

(a) it-tip u l-klassifikazzjoni tal-grad – 20%;
(b) l-esperjenza ta' xogħol skont il-paragrafu (2) ta' dan l-ordinament – 20%; u
(ċ) il-kompetenza u d-dispożizzjoni professjonali (skont ir-riżultat tal-paragrafu (5) ta' dan l-ordinament) – 60%.

(8) Il-bord għall-intervisti maħtur mill-Bord għandu jkun magħmul minn tal-anqas minn tliet membri.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors għandu jinfirex fuq erba' semestri ta' studju fuq bażi *full-time* jew l-ekwivalenti fi studju fuq bażi *part-time*.

Il-Programm ta' Studju

5. (1) Il-programm ta' studju għandu jikkonsisti minn żewġ partijiet, li huma:

(a) L-Ewwel Parti li tikkonsisti minn numru ta' taqsimiet studju mgħallma u prattiċi li għalihom hemm assenjati total ta' 60 krettu ECTS; u

(b) It-Tieni Parti li tikkonsisti minn numru ta' taqsimiet studju mgħallma u prattiċi li għalihom hemm assenjati total ta' 30 krettu ECTS, u xogħol ta' riċerka u l-kitba ta' dissertazzjoni li għalihom hemm assenjati total ta' 30 krettu ECTS ieħor.

(2) It-taqsimiet studju prattiċi jistgħu jkunu matul il-ġurnata u/jew fil-għaxija.

(3) L-istudenti li jiksbu 60 krettu ECTS assenjati għal taqsimiet studju mgħallma u prattiċi b'marka medja ta' mill-anqas 50% u ma jkomplux il-Kors, jew wara li komplew ma jkunux spiċċaw b'suċċess id-dissertazzjoni, jkunu eliġibbli għall-għoti tal-Postgraduate Diploma.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(4) Il-programm ta' studju għandu jkun ippubblikat wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

Il-Valutazzjoni u l-Progress

6. (1) Il-valutazzjoni ta' kull taqsima studju mgħallma għandha tkun kompluta sal-aħħar tas-semestru li fih ikun sar it-tagħlim tat-taqsima studju.

(2) Dawk l-istudenti li f'xi sena akkademika jeħlu fil-valutazzjoni ta' mhux aktar minn 20 krettu ECTS, jekk ikunu qegħdin isegwu l-Kors *full-time,* jew mhux aktar minn 10 kretti ECTS jekk ikunu qegħdin isegwu l-Kors *part-time*, jingħataw l-opportunità li joqogħdu għall-valutazzjoni mill-ġdid fit-taqsimiet studju li weħlu minnhom fis-sessjoni tal-eżamijiet supplimentari ta' Settembru,
bil-kondizzjoni li dawk l-istudenti li jeħlu minn taqsima studju li tinvolvi pjazzament li l-valutazzjoni tiegħu ssir matul perijodu ta' żmien ma jkollhomx id-dritt għall-valutazzjoni supplimentari u jkunu meħtieġa li jirtiraw mill-Kors.

(3) L-istudenti li jeħlu f'aktar mill-għadd ta' kretti permess skond il-paragrafu (2) ta' dan l-ordinament, jew l-istudenti li wara valutazzjoni mill-ġdid ma jiksbux il-kretti għal xi taqsima studju, jkunu meħtieġa jirtiraw mill-Kors.

Id-Dissertazzjoni

7. (1) L-istudenti huma meħtieġa jippreżentaw dissertazzjoni individwali ta' madwar 25,000 kelma skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord tal-Istudji.

(2) Ix-xogħol fuq id-dissertazzjoni għandu jsir waqt l-aħħar żewġ semestri tal-Kors. Kull student ikun assenjat superviżur, li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi regolari waqt il-perijodu ta' studju.

(3) It-titlu provviżorju tad-dissertazzjoni u l-proposta ta' riċerka dettaljata għandhom ikunu mressqa għall-approvazzjoni tal-Bord tal-Istudji mhux iktar tard mid-data ndikata mill-Bord tal-Istudji.

8. (1) L-istudenti għandhom iżommu kuntatt regolari mas-superviżur tagħhom.

(2) Is-superviżuri għandhom jibgħatu lill-Bord tal-Istudji rapporti dwar il-progress ta' kull student taħt is-superviżjoni tagħhom fit-tmiem ta' kull semestru ta' studji, kemm jekk l-istudent ikun qiegħed isegwi l-Kors fuq bażi *full-time* u kemm jekk *part-time*. Dawn ir-rapporti jistgħu jinkludu rakkomandazzjoni li jew (a) jittawwal il-perijodu ta' studju biex l-istudent ikun jista' jtemm id-dissertazzjoni; jew (b) jintemmu l-istudji qabel il-waqt jekk is-superviżur jidhirlu li dan huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi, sakemm li:

(i) l-estensjoni tal-perijodu ta' studju msemmija f'(a) tkun skond il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali; u
(ii) il-Bord tal-Istudji ma jistax itemm l-istudji qabel il-waqt skont (b) jekk qabel ma jkunx ta opportunità lill-istudent biex jiddefendi l-każ tiegħu.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximenti

9. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Postgraduate Diploma u tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-programm ta' studju, bil-kredti kollha jingħataw piż indaqs.

Il-Provvedimenti Speċjali għall-Korsijiet fuq Bażi *Part-Time*

10. Il-provvedimenti tal-ordinamenti preċedenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-korsijiet li jsiru fuq bażi *part-time*, u suġġett għal dawk it-tibdiliet li jistgħu raġonevolment jitqiesu mill-Bord tal-Istudji bħala neċessarji minħabba n-natura *part-time* tal-Kors.